**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2019**

**Talba Numru 213/2019SFJ**

***Entity Business IT Solutions Limited u Stephen Pace***
***vs.***
***Dr Mark Diacono***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu l-atturi ippremettew:

"*Client refused to settle invoice following repeated reminders. Client claims that cheque was sent and admitted that it was not cashed. Upon request for new cheque, client is now claiming that paument was done and will not issue a payment to cover the outstanding invoices.*"

Ra li l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ammont ta' disa' mija u sebgħa u sebgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€977.93).

Ra r-Risposta ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa:

i. Preliminarjament li s-soċjetà attriċi IT Solutions Limited mhix l-istess soċjetà li ħarġet l-*invoices* li abbażi tagħhom l-atttur jallega t-talba tiegħu, jiġifieri Business IT Solutions Limited.

ii. Il-konvenut qiegħed jikkontesta t-talba abbażi l-fatt li l-ammont li l-attur jallega li huwa dovut diġà ġie mħallas permezz ta' *cheque* datat 3 ta' Mejju 2018 fl-ammont ta' disa' mija u sebgħa u sebgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€977.93) u li ġie msarraf fid-9 ta' Mejju 2018 hekk kif jidher mill-*bank statement* tal-kont tal-konvenut.

iii. B'hekk, it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-13 ta' Novembru 2019.

**Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal qara x-xhieda tax-xhud Stephen Pace, li huwa direttur tas-soċjetà attriċi. Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2019, Stephen Pace xehed li huwa kien tħallas l-ammont kollu mitlub. Ir-raġuni li ħaseb li ma kienx tħallas kienet li meta ssarraf iċ-*cheque*, il-bank kien qiegħed il-fondi f'kont personali ta' Stephen Pace u mhux fil-kont bankarju tas-soċjetà Business IT Solutions Limited. Fil-fatt, fuq domanda tat-Tribunal dwar jekk kienx sodisfatt li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kienx tħallas, huwa wieġeb fl-affermattiv, jiġifieri li iva, l-ammont kien tħallas. Iktar tard fix-xhieda tiegħu, Stephen Pace qal ċar li f'dan il-każ, l-iżball kien tal-bank.

B'hekk, l-azzjoni *de quo* hija essenzjament miġjuba fix-xejn stante li l-pagament li ġie allegat li ma sarx, fil-fatt sar, u dan skont ammissjoni mid-direttur tas-soċjetà attriċi stess.

It-Tribunal josserva li jirriżulta mill-atti li ladarba l-iżball kien tal-bank u mhux tal-konvenut, ma jkun xejn ekwu u ġust li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talba tal-atturi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**